IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 275 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2015

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja għall-2015

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2015

u li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja għall-2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishih tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' bagit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-konkużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Ċivili,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi mnedija strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, Ewropa 2020, ibbażata fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki tal-ekonomija. L-istrateġija tiffoka fuq il-punti ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tal-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi għall-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri. Flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri kienu mistiedna sabiex jikkunsidraw fil-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tagħhom.

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
3 COM(2015) 275.
4 P8_TA(2015)0067, P8_TA(2015)0068, P8_TA(2015)0069.

(3) Fit-8 ta' Lulju 2014 il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2014 u ppreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stabilità aġġornat tal-Finlandja tal-2014. Fit-28 ta' Novembru 2014, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013[5], il-Kummissjoni ppreżentat l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Finlandja għall-2015[6].

(4) Fit-28 ta' Novembru 2014 il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[7], biex b'hekk ingħata bidu għas-Semestru Ewropew 2015 ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fl-istess jum, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[8], li fih il-Finlandja kienet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru għandha titwettaq analiżi fil-fond.

(5) Fit-18 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet għat-tisħiħ tal-investiment, l-aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali u t-tkomplija ta' konsolidazzjoni fiskali respondabbli li tkun favorevoli għat-tkabbir.

(6) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppublbikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2015 għall-Finlandja[9]. Dan evalwa l-progress tal-Finlandja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fit-8 ta' Lulju 2014. Ir-rapport tal-pajjiż jinkludi wkoll ir-riżultati tal-analiżi fil-fond li saret skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha għall-konkluzjoni li l-Finlandja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi li jirrikejdu azzjoni ta' politika u ta' monitoraġġ. B'mod partikolari, ir-riskji marbuta ma' prestazzjoni dgħajfa fl-esportazzjoni f'kuntest ta' ristrutturar industrijali jeħtieġu attenzjoni. Filwaqt li t-tnaqqis fis-sehem fis-suq tal-esportazzjoni u fl-industrija tal-elettronika b'mod ġenerali intemm, l-investiment għadu baxx, u t-tkabbir potenzjali naqas. Id-dejn tas-settur privat stabilizza u ma jidhrix li huwa sorts ta' tħassib immedjat, iżda l-livell relattivament għoli tiegħu jirrekjedi monitoraġġ mill-qrib.

(7) Fit-2 ta' April 2015, il-Finlandja ppreżentat il-programm nazzjonali ta' riforma tagħha għall-2015, kif ukoll il-programm ta' stabilità għal-2015. Sabiex jiġu kkunsidrati r-rabitet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew evalwati fl-istess mument.

(8) Il-Finlandja bħalissa tinsab fil-parti [korrettiva] tal-Patt ta' Stabbilizzazzjoni u Tkabbir, wara l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 125(6) TFUE fi [XX]. Fil-Programm ta' Stabilità għall-2015, li huwa bbażat fuq preżunzjoni tal-ebda tibdil fil-politika u li jkopri l-perjodu 2014-2019, id-defiċit nominali, li tela' għal 3.2 % tal-PDG fl-2014 u b'hekk eċċeda l-valur ta' referenza ta' 3 %tal-PDG, huwa pprojettat li jkompli jiżdied għal 3.4 % tal-PDG fl-2015, qabel ma jonqos ftit ftit għal 3.1 % fl-2017 u jibqa' nieżel għal 2.5 % tal-PDG fl-2019. Skont il-Programm ta' Stabilità għall-2015, il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tal-gvern mistenni jiżdied matul il-perjodu ta' tbassir tal-programm u li jilħaq 67.8 % tal-PDG sal-2019. L-objettiv fuq perjodu medju - defiċit strutturali ta' 0.5 % tal-PDG - ma jintlaħaqx sa tmiem il-perjodu tal-programm. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern ġenerali tal-Finlandja huwa mbassar li jkun ta' 3.3 % tal-PDG fl-2015 u ta' 3.2 % tal-PDG fl-2016, filwaqt li proporzjon bejn id-dejn u l-PDG tal-gvern huwa mbassar li jiżdied biex jilħaq 64.4 % tal-PDG sal-2016. Fit-

---

5 ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11.
6 C(2014) 8815 finali.
7 COM(2014) 902.
8 COM(2014) 904.
9 SWD(2015) 45 finali tas-26.2.2015.

13 ta' Mejju 2015 il-Kummisjsoni ppubblikat rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat u waslet għall-konklużjoni li l-kriterji tad-dejn u tad-defiċit ma kinux ikkunsidrati bħala li huma konformi. Il-Programm ta' Stabilità ma jiżgurax li d-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut fil-ħin u b'mod sostenibbli sa l-201X. Għalhekk, iridu jittieħdu miżuri ulterjuri. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabilità u billi ħa f'kunsiderazjoni t-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2015, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li jeżisti riskju li l-Finlandja ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbilizzazzjoni u Tkabbir. Għalkemm il-Finlandja għamlet xi progress fl-implimentazzjoni ta' riformi amministrattivi, l-effiċjenza tas-settur pubbliku Finandiż tista' tkompli tittejjeb, b'mod partikolari f'oqsma li fil-futur se jiġu kkonfrontati minn pressjonjiet ta' kosti minħabba t-tixjieħ. Il-partijiet soċjali laħqu qbil rigward il-kontenut tar-riforma tal-pensjoni fil-ħarifa tal-2014, iżda din għad trid tiġi adottata. Huwa ta' importanza kruċjali li jkun hemm żieda fil-parteċipazzjoni ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età fid-dawl tad-diskrepanza fis-sostenibilità fiskali u ż-żieda ippjanata fl-età statutorja tal-irtirar. Il-ħruġ bikri mid-dinja tax-xogħol ġej l-aktar minħabba każijiet ta' diżabilità jew abbażi ta' benefiċċji estiżi għall-qgħad fil-każ ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età. L-abbozz ta' liġi li ressaq il-gvern dwar ir-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa tressaq quddiem il-parlament f'Diċembru 2014, iżda sakemm waslu l-elezzjonijiet parlamentari ta' April 2015 kienet għadha ma nstabet l-ebda soluzzjoni biex jiġi bbilanċjat il-mudell amministrattiv ta' koalizzjonijiet muniċipali kbar mal-awtonomija tal-muniċipalitajiet individwali ggarantit mill-Kostituzzjoni, u l-abbozz ta' liġi skada. Il-muniċipalitajiet Finlandiżi huma relattivament żgħar iżda jwettqu kompiti pjuttost estensivi meta jitqabblu ma' dawk f'pajjiżi Ewropej oħra. Ir-riforma tal-istrutturi muniċipali ttardjat xi ftit u l-muniċipalitajiet qed jagħmlu studji dwar il-benefiċċji tal-amalgamazzjonijiet. Skont il-programm nazzjonali ta' riforma tal-2015, tista' tiġi ppreżentata proposta leġiżlattiva oħra lill-parlament sa tmiem l-2016.

(9) Fid-dawl tat-tixjieħ u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos, huwa importanti li s-suq tax-xogħol ikollu aċċess għall-forza lavorattiva potenzjali sħiħa. Il-Finlandja għamlet xi progress dwar dan u ħadet diversi miżuri, inkluż organizzazzjoni aħjar tas-sussidji fuq il-pagi, b'attenzjoni partikolari għall-anzjani, u tas-servizz tal-impjieg pubbliku. Ir-rata tal-qgħad kienet ta' 8.7 % fl-2014 u qed tiżdied, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età. Il-ftehim dwar paga moderata tal-2013 jappoġġja r-restawr tal-kompetittivita tal-kosti u tal-esportazzjoni permezz ta' żieda aktar moderata fil-kosti tal-unitajiet lavorattivi.

(10) Il-Finlandja għamlet xi progress fl-ixprunar il-kapaċità tagħha li tipproduċi prodotti innovattivi. Il-Gvern qed jimplimenta riforma komprensiva tal-istituti tar-riċerka u l-iffinanzjar. Il-programmi ta' politika għat-teknoloġija nadifa, il-bijoteknoloġija u d-diġitizzazzjoni huma promettenti, iżda huma fuq skala relattivament żgħira. Għalkemm l-intestiment fir-riċerka u l-iżvilupp hija fost l-ogħla fl-UE, il-Finlandha għadha qed taffaċċja sfidi biex tikkonverti dan fi prodotti u servizz ta' suċċess għall-esportazzjoni. Il-Gvern wettaq sforzi biex jagħmel is-sistemi ta' appoġġ għan-negozji aktar sempliċi u effiċjenti, iżid l-iffinanzjar għal kumpaniji stabbiliti ġodda u jippromwovi l-internalizzazzjoni tagħhom. Madankollu, l-investiment fil-Finlandja għadu baxx, id-diffikultajiet fl-esportazzjoni baqgħu hemm, u l-għadd ta' nies f'impjieg naqas. Huma meħtieġa wkoll sforzi biex titqawwa l-kompetizzjoni fis-swieq ta' prodotti u servizzi, speċjalment fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, li għadu kkonċentrat wisq.

(11) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Finlandja, u ppubblikata fir-rapport tal-pajjiż tal-2015. Hija

analizzat il-programm ta' stabilità u l-programm nazzjonali ta' riforma u s-segwti li kien hemm tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lejn il-Finlandja fis-snin ta' qabel. Hija ħadet f'kunsiderazzjoni mhux biss ir-relevanza għal politika fiskali u soċjoekonomika fiskali fil-Finlandja iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, meta wieħed iqis il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ġenerali ekonomika tal-Unjoni Ewropea billi jingħata element ġej mill-UE f'deċiżjonijiet nazzjonali fil-futur. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet 1 sa 4 hawn taħt.

(12) Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina il-programm ta' stabilita tal-Finlandja, u l-opinjoni tiegħu[10] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni 1 hawn taħt.

(13) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din l-evalwazzjoni, il-Kunsill eżamina il-programm nazzjonali ta' riforma u l-programm ta' stabilità. Ir-rakkomandazzjonijiet taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet 2 u 3 hawn taħt.

(14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew il-Kummissjoni għamlet ukoll analiżi tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro bħala tali. Abbażi ta' din l-analiżi, il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-Finlandja għandha wkoll tara li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa u fil-ħin ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Finlandja tieħu azzjoni fl-2015 u l-2016 biex:

1. Tara li d-defiċit eċċessiv jinġieb taħt it-3 % tal-PDG b'mod tempestuż u durabbli bl-ammont ta' [XX] f'konformità mal-obbligi tal-Finlandja skont l-Artikolu 126 TFUE. Tkompli l-isforzi biex titnaqqas id-diskrepanza fis-sostenibilità fiskali u jissaħħu l-kundizzjonijiet għat-tkabbir.

2. Tadottata r-riforma tal-pensjoni li dwarha ntlaħaq qbil u jiġu eliminati ftit ftit l-modi ta' ħruġ bikri mid-dinja tax-xogħol. Tiżgura tfassil u implimentazzjoni tar-riformi amministrattivi rigward l-istruttura muniċipali u s-servizzi soċjali u tas-saħħa, bil-ħsieb li tiżdied il-produttività u l-kosteffiċjenza fl-għoti ta' servizzi pubbliċi, filwaqt li tiġi ggarantita l-kwalità tagħhom.

3. Tkompli l-isforzi biex titjieb l-impjegabilità taż-żgħażagħ, tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età u ta' dawk qiegħda għat-tul, b'attenzjoni partikolari fuq l-iżvilupp ta' ħiliet relevanti għall-impjiegi. Tiżgura, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u skont il-prassi nazzjonali, li l-pagi jżommu l-pass mal-produttività.

4. Tieħu miżuri biex jinfetaħ is-settur tal-imnut għal kompetizzjoni effettiva.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[10] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.